TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 82/14/GB

**Denise Griffiths**

**vs**

**Pre-Teens Footwear**

Illum 23 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' April, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u disghin ċenteżmi (€28.95), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal par żarbun, li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema par żarbun kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat par żarbun minghand is-socjeta' ntimata, pero' wara li ntlibes l-ewwel darba nbarax. Illi ghalhekk, hija hadet iz-zarbun lura ghand is-socjeta' ntimata sabiex tilmenta dwar dan u sabiex ma jkunx hemm skuzi li ntlibes diversi drabi.

Ir-rikorrenti qed titlob li tinghata l-flus lura jew li tinghata par żarbun ġdid.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kenitx ipprezentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghet kontumaci.

It-Tribunal jinnota wkoll illi fuq domandi tieghu stess, u wara li xehdet Daniela Caruana, iz-zarbun in kwistjoni baqa' ma nstabx u ghalhekk qatt ma gie ezebit quddiemu.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni. It-Tribunal josserva illi z-zarbun in kwistjoni qatt ma gie eżebit u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**